MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Rikors Numru. 1204/1997/1

Stephen Saliba
vs
Mid-Med Bank Limited u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2000 gie korrett ghal HSBC Bank Malta p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u s-6 ta' Lulju 1992 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promotion li kien haqqu u kien gie trasferit minn dipartiment ghall-iehor fil-Mid Med Bank minghajr l-ebda raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien impjegat mal-Mid Med Bank Limited bhala Manager fis-sena 1987 u f'dak iz-zmien huwa kien fil-

computer centre fejn huwa kien responsabbli ghal diversi progetti u xogholijiet konnessi mal-infrastruttura teknologika tal-Bank. Huwa dejjem ghamel xogholu bl-akbar sens ta’ responsabbilta`, lejalta` u attenzjoni u qatt ma kellu rapporti hziena kontrieh.

Illi minghajr l-ebda raguni ta’ xejn, fis-sena 1987, mieghu bdiet sensiela ta’ transfers vendikattivi, liema transfers ma kellhom l-ebda konnessjoni max-xoghol tieghu li kien konness mal-computers li huwa kien kwalifikat ghalih, tant illi ghal dan l-iskop l-istess Bank kien ftit ta’ snin qabel irranga biex huwa jmur kors fir-Renju Unit. Ta min isemmi illi fi zmien ta’ ftit xhur ir-rikorrent gie trasferit f’erba’ branches differenti.

Illi minghajr l-ebda raguni valida kienet inghatat ukoll promozzjoni lil persuni li kellhom seniority u kwalifiki inqas minnu.

Illi anki meta r-rikorrent talab ghall-leave, liema leave huwa kien ghad fadallu u dina t-talba kienet saret propju ghax missier ir-rikorrent kien marid serjament l-Ingilterra, dana gie rifjutat minghajr l-ebda raguni valida.

Illi bhala rizultat ta’ dan l-atteggjament da parti tal-management tal-Bank, ir-rikorrent ma kellux triq ohra hlief li jirrizenja mill-pozizzjoni u impieg tieghu fil-Bank.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex jsostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi l-Mid-Med Bank Limited, jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar min Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Mid-Med Bank Limited li eccepixxa:

1. Illi filwaqt li mhux kontestat li r-rikorrent kien ilu impjegat mal-Bank intimat ghall-perjodu minnu msemmi huwa minnu wkoll li l-Bank dejjem u konsistentement mexa b' mod regolari u korrett mieghu skond ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-impieg preskritt fiz-zmien relattiv;

2. Illi t-transfers jinghataw mill-Bank a bazi ta' l-ezigenzi tal-Bank.

3. Illi l-kundizzjonijiet tal-impjieg preskritti relattivi ghar-rikorrent huma mfissra fi ftehim kollettiv, li dwar l-ghoti ta' promozzjonijiet jindika b'mod car li dawn ma jiddependux biss mill-anzjanita` jew mill-kwalifiki tal-impjegat, imma minn diversi fatturi ohrajn daqstant siewja biex iwettaq dan l-ezercizzju.

4. Illi minbarra dan, huwa fatt ukoll li l-ghoti ta' promozzjonijiet fi hdan azjenda jikkostitwixxi att ta' prerogattiva diskrezzjonali tal-imghallem.

5. Illi ghalhekk minbarra li l-ilment tar-rikorrent huwa infondat, dan jinsab imsejjes biss fuq konsiderazzjoni li, kieku l-Bank intimat kellu jimxi fuqha biss, kien ikun qieghed jaghmel ingustizzja mal-impjegati l-ohrajn.

6. Illi mir-records ma irrizultax li kienet saret xi applikazzjoni ghal leave.

7. Ghaldaqstant il-bank intimat issottometta li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-bank intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit, fejn qal li fl-1967 dahal mal-Barclays Bank u fl-1975 gie impjegat mal-Mid-Med Bank Ltd. Semma li fl-1982, gie maghzul mill-Bank biex jattendi kors l-Ingilterra, li kien wassal ghal diploma ta' Systems Analyst. Zied ighid li sentejn wara gie trasferit il-Computer Centre bhala Manager tac-Centru Ruzar Briffa, u wara l-elezzjonijiet tal-1987, intbaghtet persuna biex tissorvelja dak kollu li kien qed jaghmel hu fil-Computer Centre, u fejn qabel kien jiffirma kollox bir-responsabbilta` tieghu, kollox beda jghaddi minn taht idejn din it-terza persuna. Spjega li l-pozizzjoni tieghu bhala Manager giet ridotta f'wahda umiljanti. Semma wkoll, li wara ftit xhur gie trasferit minn dan ic-Centru tal-Computer ghall-fergha ta' Strada Merkanti, il-Belt, u ftit xhur wara gie trasferit ghall-fergha tar-Rahal Gdid, fejn hemm ma kienx inghata xoghol konness mal-kompjuterizzazzjoni. Minbarra hekk qal li hu kien gie maqbuz fil-promozzjonijiet. Qal li meta kien ir-Rahal Gdid ix-xoghol kien hafna anqas minn dak li kien jaghmel fil-Computer Centre. Semma li ftit taz-zmien wara, gie trasferit il-'Cash Depot', u ftit taz-zmien wara, gie trasferit ghad-dipartiment li dak iz-zmien kien jismu l-Malfex fl-1992, fejn kien inghata xoghol li jiccekkja l-vouchers, u li ghalih kien degradanti. Dan fisser li fi ftit izjed minn sena gie trasferit tliet darbiet, dejjem ghal xoghol umiljanti u b' anqas responsabbilta` u li infatti f' hames snin gie trasferit hames darbiet.

Semma wkoll li meta missieru Joseph Saliba, li kien ex-ufficjal Ezekuttiv tal-General Workers' Union kellu jinghata kura medika go l-Ingilterra, kien talab il-leave lill-Bank, izda l-leave li kien talab kien gie rifjutat, u meta gie infurmat mis-Sur Pace, hass li ma kellux triq ohra hlief jirrizenja mill-Bank, u dan sabiex ikun jista' jakkompanja lil missieru. Qal li rizultat ta' dan tilef il-beneficcji kollha ta' impjegat b'iktar minn tnejn u ghoxrin sena servizz.

Xehed John Pace li kien Manager mal-Mid-Med Bank, li qal li s-Sur Saliba kien tahtu ghal xi zmien, izda mhux

ezatt fil-complement tieghu, u dam hekk xi sena. Semma li n-norma hi li meta jkun hemm xi hadd li jkun tahtek, izda mhux fil-compliment tieghek, ikun irid jitlob il-leave lill-Head Office. Qal li jiftakar li r-rikorrent kien mar ghall-arrieda, u ma kienx jaf x' xoghol ser jassenjalu, u mbaghad gie assenjat xi xoghol li ma kienx fil-linja tieghu. Qal li r-rikorrent kien mar hemmhekk fl-International Banking Division, li kien maghruf bhala l-Malfex qabel l-elezzjoni tal-1992.

Xehed Anthony Vella Gregory li qal li fl-1992 kien Assisant Manager fl-Imsida Branch, u qal li jiftakar lir-rikorrent f'diversi karigi u f'diversi ferghat, u qal li jaf diversi persuni mal-Bank li daru diversi postijiet u diversi ferghat, minhabba l-ezigenzi tax-xoghol. Semma li r-rikorrent kien kwalifikat biex jahdem fl-I.T. Department.

Xehed Joseph Spiteri Staines, li qabel l-1992 kien fil-kariga ta' Manager jew Senior Manager, u kien anke Direttur. Qal li r-rikorrent attenda xi korsijiet fl-1980 dwar l-I.T. Semma li hi xi haga accettabbli mal-Bank, u li normalment issir li tkun stazzjonat f' post u tintbaghat f' post iehor li jista' jkun li ma jkunx tal-istess linja.

Xehed John Bezzina rapprezentant tal-H.S.B.C. li kkonferma li r-rikorrent fl-1986 kien Manager fid-Database Centre, il-Computer Centre tal-Bank, u fl-1987 kien posted Merchants Street Valletta bhala Head Foreign Exchange. Semma li minn Mejju 1988 kien Manager' s Assistant fil-fergha tar-Rahal Gdid. Qal li irrizulta mill-file li r-rikorrent kellu National Computing Certificate in Systems Analysis, fejn hemm xi notamenti dwar xi zmien f'Lulju 1983, dwar fejn kien mar ir-rikorrent, u dan gie prezentat a fol 38. Esebixxa wkoll dokument a fol 40 li juri li r-rikorrent fl-1986 kien ircieva ittra li hu ser jintbaghat bhala attachment mal-Computer Centre of Credito Bergamasco.

Dwar il-'postings' tar-rikorrent, qal li fil-11 ta' Jannar 1984 kien Data Services Centre Manager, u fis-17 ta' Awissu 1987 kien Head Foreign f' Merchants Street il-Belt, fid-9 ta' Mejju 1988, kien Manager's Assistant Administration Paola Branch, u kien anke officer in charge il-Cash

Centre, u fl-20 ta' Jannar 1992 mar l-International Banking Division, u fit-12 ta' Lulju 1992 irrizenja. Qal li fl-14 ta' Novembru 1985 sar Manager III liema grad fl-1 ta' April 1988 sar Manager A, jigifieri mill-1987 sal-1992 ma kellu l-ebda promozzjoni u ha erba' trasferimenti, u mill-file ma irrizultatx raguni ghat-trasferimenti. Qal li mir-ricerka li ghamel irrizulta li x-xoghol tar-rikorrent wara l-1987 ma kienx relatat mal-I.T. izda kien xoghol fil-fergha f' ufficini normali. Qal ukoll li mir-records kien hemm talba tar-rikorrent ghal special leave ta' tlett ijiem biex jiehu hsieb it-tifel. Ikkonferma li d-dokument a fol 21 kienet l-ittra tar-resignation tar-rikorrent. Fir-rigward tal-appraisal reports fl-1987, kellu Good, f' Mejju 1988 kellu Very Good, f' Ottubru 1988 kellu Very Good, f' Ottubru 1989 kellu Very Good, u fl-1990 m'hemmx appraisal report mir-records, u fl-1991 kellu Very Good.

Hu pprezenta dokument a fol 44 li hi l-'letter of grievance' tar-rikorrent ghax ma hax il-promozzjoni tal-1989 u esebixxa c-cirkolari a fol 46 li titkellem dwar appointments ta' diversi persuni b' effett mill-1 ta' Frar 1989, li fiha r-rikorrent ma kienx inkluz la f'dan l-ezercizzju ta' promozzjoni, u anqas f'ohrajn mill-1987 sal-1992. Hu pprezenta dokument a fol 57, fejn hemm l-ismijiet ta' 24 ruh li kienu fost in-nies li hin jew iehor kienu ccaqilqu minn gewwa l-I.T. Department. Ipprezenta wkoll dokument a fol 58, li juri xi talbiet li kien ghamel ir-rikorrent ghal xi special leave, u li kienu gew milqugha mill-bank. Esebixxa a fol 62 parti mill-ftehim kollettiv, fejn hemm imnizzel li n-notice irid jithallas, u ittra tar-rikorrent lis-Sur Flynn a fol 66, fejn qal li hi prerogattiva tal-Bank li impjegati tal-Bank jigu trasferiti. Esebixxa dokument a fol 86, il-'personal record card' tar-rikorrent, u dokument a fol 88 li hu estratt mill-ftehim kollettiv tal-Bank tal-gradi manigerjali tal-1990 u l-1992. Esebixxa dokument a fol 89 li hu estratt iehor mill-ftehim kollettiv dwar kwalifiki u l-allowances li jistghu jinghataw, kif ukoll parti ohra mill-ftehim kollettiv a fol 91 dwar l-istess suggett. Fl-ahharnett ipprezenta dokument a fol 96 li juri l-kwalifiki li kellhom xi nies li ccaqalqu minn go l-I.T. Department.

Xehed Francis Flynn li kien General Manager minn Mejju 1987 ’il quddiem fic-Centru Ruzar Briffa. Qal li jiftakar li kien hemm zmien meta r-rikorrent kien jahdem fl-I.T. Department tal-Bank u anke fl-iStaff Department. Qal li hu gieli kien involut fit-trasferimenti, peress li kellu l-istaff kollu tahtu, izda ma jiftakarx li r-rikorrent wara l-1987 kien gie trasferit f’ postijiet differenti.

Xehed Albert Soler li fl-1987 kien Assistant Manager u li qal li jiftakar lir-rikorrent jahdem il-Bank u assocjah mal-Computer Centre. Qal li qatt ma kien hemm ilmenti jew rapporti fir-rigward tar-rikorrent, u xogholu dejjem ghamlu tajjeb. Hu ma eskludiex li xi whud mit-trasferimenti fil-bank ikollhom aspett politiku. Qal ukoll li talba ghal leave specjali trid tkun bil-miktub, u anke r-risposta trid tkun bil-miktub, u suppost tinsab fil-file personali tar-rikorrent.

**KONLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq tliet aspetti u cioe`; A] li r-rikorrent gie rifjutat leave anke meta r-rikorrent kellu ragunijiet validi biex jitolbu; B] transfers; u C] nuqqas ta’ promozzjoni dovuta.

A] ***Ir-rikorrent gie rifjutat leave anke meta r-rikorrent kellu ragunijiet validi biex jitolbu.*** Dan l-aspett tal-ilment tar-rikorrent jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal *ratione materiae* u biex it-Tribunal ma joqghodx jirrepeti dak li qal tant drabi jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza minnu fl-14 ta’ Dicembru 1999 u ghall-istess motivi jichad it-talba tar-rikorrent.

B] ***Transfers.*** Irrizulta li r-rikorrent f’ temp ta’ hames snin gie trasferit xi erba’, hames darbiet u li dan gie trasferit fuq xoghol li ma kienx konness mal-linja tieghu partikolari. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza minnu fit-23 ta’ Marzu, 1999 fejn fiha qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol

hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Issa irrizulta li ilmenti ma kienx hemm dwar ir-rikorrent kif ukoll li l-appraisal reports dwaru kienu tajbin hafna. Dan jaghmilha bi tqila biex wiehed jista' jifhem ghaliex ir-rikorrent gie trasferit dawk id-drabi kollha f' dawk ic-cirkostanzi. Minn naha l-ohra wiehed irid jirrileva li ma giex imsemmi li r-rikorrent tilef xi flus kawza tat-trasferimenti u anqas li gie trasferit ghal xi ambjenti difficli jew li ma kienux adegwati mar-rank tieghu ghalkemm ix-xoghol kien ta' importanza anqas minn dak tar-rank tar-rikorrent. Illi ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-bank dwar li dawn it-transfers isiru skond l-ezigenzi tas-servizz u jsib li bil-kwantita` ta' transfers li nghata r-rikorrent kienet saret ingustizzja mieghu kif definita fil-Kap 394.

C] ***Nuqqas ta' promozzjoni dovuta.*** Jinkombi fuq it-Tribunal li biex jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja jrid ikollu provi cari ta' tali ingustizzja. Izda fil-kaz in ezami dwar il-promozzjoni t-Tribunal jinsab iffaccjat bi kwantita` kbira ta' nuqqasijiet biex jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja meta r-rikorrent ma nghatax promozzjoni. Infatti l-bank esebixxa lista ta' dawk il-persuni li gew moghtija l-promozzjoni izda r-rikorrent fil-provi tieghu naqas li jgib il-provi li l-persuni li fil-fatt hadu l-hatra kellhom seniority anqas minnu, jew kienu kwalifikati anqas minnu, jew li kellhom ilmenti dwar l-operat taghhom, jew li kienu anqas adatti ghax-xoghol in kwistjoni. It-Tribunal ma jistax jezamina jekk persuna hix sempliciment kapaci li

tilhaq ghal kariga partikolari u li probabbilment f' dak il-kaz ir-rikorrent jidher li kien sufficjentement kwalifikat ghal tali hatra izda jinkombi wkoll fuq it-Tribunal li jaghmel ezami komparattiv ta' bejn ir-rikorrent u l-persuni l-ohra li hadu tali hatra halli b' hekk ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni li meta r-rikorrent ma hax il-hatra saret ingustizzja mieghu. Sfortunatament ghar-rikorrent tali prova ma saritx u ghalhekk it-Tribunal ikollu jilqa' l-eccezzjoni tal-bank intimat dwar il-promozzjoni.

Ghaldaqstant filwaqt li jichad l-aspetti tal-ilment tar-rikorrent dwar l-ispecial leave u l-promozzjoni kif imsemmi hawn fuq, jilqa' l-aspett tal-ilment tar-rikorrent dwar trasferimenti ingusti u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-bank intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------